*It-test sħiħ ta' Franġisku b'daħla għall-ktieb ta' Ernesto Preziosi dwar Armida Barelli, waħda mill-akbar profili femminili tal-Knisja u tas-soċjetà Taljana tas-seklu għoxrin, li fi żmien qasir sa tiġi mgħollija għall-ġieħ tal-altari.*

## IL-PAPA FRANĠISKU

Armida Barelli kienet mara li tista' titqies fost il-protagonisti ewlenin ta' dik il-mixja providenzjali li hija l-istorja tal-Azzjoni Kattolika.

"Il-Knisja", għidt lill-Forum Internazzjonali tal-AK jiena u nfakkar il-figura ta' 'ħalliem kbir' bħalma kien il-Kardinal Pironio, "tista' tixhed kif l-Azzjoni Kattolika fetħet perspettivi ġodda fil-qasam tar-responsabbiltà tal-lajkat fl-Evanġelizzazzjoni. Ħafna li ġew evanġelizzati u ffurmati mill-Azzjoni Kattolika żergħu l-verità, il-profondità u l-Vanġelu fl-oqsma ċivili, fejn spiss il-fidi kienet titħalla barra. Il-qaddisin u l-beati lajċi tal-Azzjoni Kattolika huma għana għall-Knisja. Dawk li kienu l-'qaddisin tal-bieb ta' maġenbna' għal ħafna komunitajiet" (9 ta' Novembru 2021).

Armida Barelli, kif joħroġ tant tajjeb minn dan il-volum ta' Ernesto Preziosi, għexet is-sejħa tagħha, pass wara pass, fit-triq li wasslitha biex tagħti l-ħajja lil moviment kbir ta' nisa, biex setgħu jgħixu l-vokazzjoni tagħhom fil-milja tagħha u jħossuhom membri ħajjin tal-Knisja u jħabbru l-Vanġelu. L-azzjoni tagħha Armida wettqitha fuq medda ta' iktar minn erbgħin sena fl-organizzazzjoni tal-moviment Kattoliku femminili. Fundatriċi tal-*Gioventù femminile* (tfajliet tal-Azzjoni Kattolika), l-impenn tagħha kien deċiżiv ukoll għall-qawmien ta' opri oħra: qabelxejn it-twelid u l-iżvilupp tal-Università Kattolika, imbagħad l-Istitut sekulari tal-Missjunarji tar-Regalità, u fl-aħħar nett l-Opra tar-Regalità mogħtija għall-formazzjoni liturġika tal-poplu.

Bħala konfundatriċi involviet id-djoċesijiet biex jgħinu huma wkoll lill-universitarji Kattoliċi Taljani, u nisġet xibka ta' ħbiberija madwar l-Università, opra oriġinali li kienet strumentali biex l-elaborazzjoni tal-għerf ma tirriskjax li tispiċċa f'astrazzjoni, imma titkejjel "il-ħin kollu mar-realtà billi żżomm dejjem għal qalbha l-verità, il-ġid komuni u l-imħabba" (il-Papa Franġisku, *Daħla* għall-Volum III tal-Istorja tal-Università Kattolika tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, Maġisteru, VeP, Milan 2021).

Il-ġrajja ta' ħajjitha, anki fil-Knisja u fl-assoċjazzjoni, partikularment intensa, tippreżenta aspetti li f'xi waqtiet huma uniċi: għażla radikali ta' fidi li għexitha fil-modernità tas-seklu għoxrin, flimkien ma' relazzjoni qawwija mal-Knisja magħmula minn korresponsabbiltà u ubbidjenza. Ta' min ifakkar b'mod partikulari r-relazzjoni mat-tliet Papiet tul iż-żmien tar-responsabbiltà tagħha: Benedittu XV, li fdalha l-ewwel mandat, Piju XI, li għal snin twal wieżen personalment l-isforz organizzattiv tagha, u Piju XII, li kkonfermalha l-fiduċja tiegħu fis-snin drammatiċi tal-gwerra u tar-rikostruzzjoni ta' wara.

Fl-esperjenza tagħha ta' appostolat għandha ċentralità deċiżiva l-figura ta' San Franġisk, li wasslitha biex tgħix il-ħajja u l-impenn tagħha bħala tweġiba vokazzjonali radikali; ma' dan tingħaqad id-devozzjoni mġedda tagħha len il-Qalb ta' Ġesù, "li fiha l-imħabba ta' Alla ltaqgħet mal-umanità kollha" u li sseddaq il-fiduċja f'Alla fis-sitwazzjonijiet u t-tiġrib kollu tal-ħajja.

Bil-ħidma tagħha kkontribwiet b'mod deċiżiv għall-promozzjoni tan-nisa żgħażagħ Insara fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, għall-proċess ta' integrazzjoni bejn l-Italja ta' Fuq u ta' Isfel, u

wessgħet l-azzjoni tagħha wkoll fil-qasam internazzjonali. Ħidma li għarfet iżżewweġ magħha l-fiduċja f'Alla u effiċjenza organizzattiva konkreta, fedeltà mhux passiva imma "fuq riġlejha" lejn il-Knisja u r-ragħajja tagħha, frott tal-għarfien tal-kontribut tan-nisa lajċi fil-Knisja u tal-konvinzjoni determinata dwar il-funzjoni deċiżiva tal-assoċjazzjoniżmu organizzat, strutturat fuq livell nazzjonali u artikulat fuq livell lokali.

Fil-mixja vokazzjonali oriġinali tagħha – li sa miż-żgħożija wasslitha għal għażla adulta ta' ħajja lajkali, iddedikata għall-appostolat – kellhom rwol importanti xi saċerdoti u reliġjużi, fosthom il-Ġiżwita Patri Mattiussi. Imbagħad kienet deċiżiva l-figura ta' Patri Agostino Gemelli, li miegħu Armida żviluppat relazzjoni kontinwa ta' komunjoni spiritwali u ta' kollaborazzjoni ta' ħidma, li baqgħet sa mewtha.

Il-Papa Benedittu XV qalilha: "Il-missjoni tiegħek hija l-Italja", u hi – konxja mil-limiti tagħha – bdiet tivvjaġġa biex twaqqaf il-*Gioventù femminile* fid-djoċesijiet Taljani u ġriet iżjed minn darba mal-pajjiż fi snin fejn it-trasport kien skars u ma kinitx ħaġa faċli għal żagħżugħa li tivvjaġġa waħidha b'ħinijiet impossibbli, spiss billejl, tant li dan ġagħalha tħossha "żingara tal-Mulej twajjeb". Iltaqgħet ma' saċerdoti u isqfijiet, reliġjużi u fuq kollox eluf ta' żgħażagħ, u stednithom jirriskjaw bħala nisa, ċittadini u Nsara. Fosthom nieħu pjaċir infakkar lil nannti Rosa, li Armida ltaqgħet magħha f'Ġunju 1924, meta – fi żjara f'Asti – interveniet fil-Konvenju tal-Unjoni Femminili, li tiegħu n-nanna Rosa kienet diriġenta djoċesana.

Qasmet l-esperjenza tad-dixxipli li "'telqu' minnufih 'jipprietkaw ma' kullimkien'", fl-għarfien li l-missjoni hi mwieżna mill-preżenza ta' Alla għax, kif jgħid l-Appostlu, "il-ħila tagħna ġejja mingħand Alla" (2 Kor 3:5). Fil-fatt ejjew niftakru li l-istorja "hi mmexxija mill-imħabba tal-Mulej u aħna protagonisti miegħu fiha" (il-Papa Franġisku, *Lill-membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Azzjoni Kattolika Taljana,* 30 ta' April 2021).

Ħajjitha hi magħmula minn smigħ u laqgħa tal-Vanġelu, u hekk saret xhieda ta' "rabta bejn dak li tisma' u dak li tgħix", sinteżi "bejn Kelma u ħajja" li "tagħmel mill-fidi esperjenza inkarnata" (*ibidem*) permezz ta' mixjiet ta' formazzjoni mingħajr qatt iċċedi għall-bulimja tal-attiviżmu. Fil-fatt, "il-programmi, l-organigrammi jiswew, imma bħala punt tat-tluq, bħala ispirazzjoni; dak li jmexxi 'l quddiem is-Saltna ta' Alla hu d-doċilità tal-Ispirtu, huwa l-Ispirtu, id-doċilità tagħna u l-preżenza tal-Mulej. Il-libertà tal-Vanġelu" (*ibidem*).

Mara li għamlet mil-lajċità "antidotu għall-awtoreferenzjalità", karatteristika li tippermetti li nimxu flimkien biex niltaqgħu mal-persuni fil-qagħda partikulari li qed jgħixu. Fl-esperjenza ta' Armida Barelli hemm ftuħ kbir għad-dinja, għar-rabtiet internazzjonali bejn assoċjazzjonijiet ta' nisa żgħażagħ li, proprju tul il-pontifikat ta' Piju XI, komplew jixterdu f'tant pajjiżi. Dan il-ftuħ tagħha esprimietu wkoll fil-passjoni missjunarja kkonkretizzata fis-sapport tagħha u tal-*Gioventù femminile* kollha lil missjoni fiċ-Ċina, fl-għajnuna mogħtija lill-fondazzjoni ta' Istitut reliġjuż, magħmul biss minn sorijiet Ċiniżi, iddedikat lil Benedittu XV, il-Papa li, bl-Ittra appostolika *Maximum illud* (1919), ta xejra ġdida lill-ispirtu missjunarju.

L-esperjenza personali tagħha timmarka passaġġ deċiżiv fil-viżjoni tal-lajkat: mhux iżjed kundizzjoni tal-ftit, imma l-iskoperta ta' kif dik il-ħajja tal-lajċi, fi ħdan il-poplu ta' Alla, hija t-triq biex ngħixu l-qdusija. F'dan is-sens, l-esperjenza tal-fidi u tal-impenn ekkleżjali ta' Barelli u l-proġett ta' formazzjoni li hi ppromoviet fl-Azzjoni Kattolika, jantiċipaw il-viżjoni tas-sejħa universali għall-qdusija li wriena l-Konċilju Vatikan II. Bid-dedikazzjoni tagħha

għall-formazzjoni hija ħeġġet eluf ta' nisa biex jiddedikaw ħajjithom għal missjoni esiġenti mal-ġenerazzjonijiet il-ġodda, u antiċipat dik l-esiġenza, illum taħt għajnejn kulħadd, li jiena indikajt bħala Patt Edukattiv globali.

Flimkien mad-dimensjoni bijografika li bena l-Awtur, spiss billi poġġa l-kliem fuq fomm il-protagonista nfisha, dan il-volum joffri tiftixa profonda dwar l-ambjent assoċjattiv u universitarju li għexet sewwasew Armida Barelli. Fi snin immarkati mit-tensjonijiet soċjali u politiċi tal-ewwel żmien wara l-Gwerra u, imbagħad, tal-miġja tad-dittatura Faxxista bid-devjazzjonijiet nazzjonalistiċi u razzisti tagħha, Armida Barelli ħabirket qatigħ biex tifforma mentalità reliġjuża fost in-nisa żgħażagħ, biex tagħmilhom kapaċi jinserixxu ruħhom attivament fis-soċjetà u jimxu max-xejriet ġodda ta' żmienhom b'awtonomija ta' ġudizzju u ta' mġiba. Permezz tal-opri li fihom impenjat ruħha, u li hi għexet f'rabta stretta bejniethom, għenet biex tikber kultura "ta' poplu", u kkontribwiet b'mod determinanti biex ħafna nisa żgħażagħ iniżżlu iktar l-għeruq spiritwali tagħhom u jemanċipaw ruħhom. Fuq din il-bażi, wara l-gwerra dinjija, bdiet is-sehem konxju tan-nisa fil-ħajja soċjali u politika, u tat kontribut determinanti għall-bini tad-demokrazija fl-Italja.

Il-Knisja issa qed turiha bħala mudell ta' mara li fl-umanità tagħha, bl-intelliġenza u d-doni li Alla taha, għarfet tagħti xhieda tal-imħabba ta' Alla. Imħabba li ssir passjoni għall-bnedmin ta' żmienna biex jistgħu jagħmlu u jgħinu lil min jagħmel esperjenza ta' Knisja bħala komunità li tilqa', ħabrieka u hienja.

*(Santa Marta, 19 ta' Jannar 2022)*